TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 44/16-F

Marvic Formosa
Vs
Jason – Sails and Canvas Ltd.

Illum, 20 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Frar, 2016, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn (€2000) rappreżentanti depożitu li ħallas għal tinda.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li t-Tribunal jinnota li is-soċjeta' ntimata ma attendietx għas-seduta minkejja li kienet notifikata, u kif ukoll ma ppreżentatx risposta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti kien ordna tinda u ħallas il-prezz ta' elfejn Ewro (2000) u parti mill-kundizzjoni kienet li din kellha tkun lesta sa żmien erba' ġimgħat mill-ordni. L-ordni saret fit-8 ta' Ottubru, 2015, u kien hemm miktub illi x-xogħol kellu jitlesta fi żmien erba' ġimgħat. Ir-rikorrenti ħallas nofs il-prezz bħala depożitu li jammonta għal elfejn Ewro (€2000). Minkejja li għadda ż-żmien miftiħem u r-rikorrenti ċempel lill-intimat diversi drabi, t-tinda baqgħat ma ġietx konsenjata.

L-intimat ma attendiex għas-seduta u lanqas issottometta risposta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elfejn Ewro (€2000) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888